**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Franz Mifsud bħala proprjetarju tad-ditta Heavy Duty Aluminium and Form Works

*versus*

Francis Montanaro

**Kreditu - Pagament - Prova ta'**

*L-attur aġixxa biex jirkupra kreditu. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti illi l-konvenut ma kienx irnexxilu jipprova l-pagament minnu allegat.*

Il-Qorti:-

Is-soċjetà attriċi pproċediet kontra l-konvenut għall-ħlas ta' somma akbar lilha dovuta għall-prezz ta' appalt ta' xogħol ta' *aluminium* esegwit fuq ordni tagħha;

"L-attur *nomine* ppremetta illi l-attur esegwixxa għall-konvenut xogħol ta' *aluminium* fi *flats* ġewa Paceville, San Ġiljan f'April ta' l-1992;

•Hu ppremetta illi għal dan ix-xogħol il-konvenut għad fadallu jħallas lill-attur is-somma ta' elf, erba' mija u għoxrin

lira (Lm1,420);

Ippremetta ukoll illi għalkemm interpellat sabiex iħallas dan *il-bilanċ, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

L-attur *nomine* talab li din l-Onorabbli Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' elf, erba' mija u għoxrin lira (Lm1,420) bilanċ dovut lill-attur għax-xogħol minnu esegwit kif fuq intqal;

Tikkundannah iħallas l-imgħax legali mid-data li l-pagament kien dovut";

Il-konvenut eċċepixxa illi t-talba attriċi kienet infondata għalix "l-ammonti mitluba fil-fatt diġà ġew imħallsa mill-konvenut";

B'sentenza tat-28 ta' Marzu, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti *Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talba ta' l-attur nomine* għas-somma ta' Lm1420 u kkundannat lill-konvenut iħallas din is-somma bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra tiegħu;

*L-Ewwel Qorti elenkat il-provi prodotti hekk:*

"L-attur xehed li skond prospett dok. A a fol. 18, il-konvenut għandu jagħtih Lm3,760 (bix-xogħol li kien ġie *miżjud) oltre Lm480 ta' hand rail. B'kollox Lm4,240. Minn* dana l-ammont il-konvenut ħallas depożitu ta' Lm1,900 u baqagħlu bilanċ ta' Lm1,860. Il-konvenut għamel ukoll pagamenti ta' Lm500, Lm170 u Lm230 u baqa' bilanċ ta' Lm960 oltre l-Lm480 tal-*hand rail*. B'kollox il-bilanċ dovut hu Lm1,440;

Hu qal li t-*total cost* ma kienx ta' Lm2,100 (ara dok. a fol. 14) għax kienet żdiedet l-ordni (ara fol. 13). L-ammont laħħaq għal Lm3,760 u l-konvenut ħallsu Lm1,900. L-Lm2,100 kienet l-ewwel *quotation*. Tah *discount* u l-ammont niżel għal Lm1,900. L-ammonti diversi li hemm imsemmija fid-dokument a fol. 14 huma l-Lm1,900 li l-konvenut ħallsu u dana jirriżulta mid-dokument a fol. 19 fejn hemm l-*invoice* oriġinali mingħajr il-pagamenti li saru wara;

Il-mara ta' l-attur ikkonfermat dak li qal żewġha u qalet li l-kontijiet kienet tippreparahom hija;

Il-konvenut xehed li kien ħallas lill-attur l-ammont ta' Lm1,900. Kien żied ix-xogħol u ordna *railing* tat-taraġ. Imbagħad ħallas Lm500";

Il-Qorti hekk imbagħad immotivat is-sentenza tagħha:

"Fil-każ in eżami l-konvenut eċċepixxa li hu ħallas kollox. Hu qed jippretendi li oltre l-Lm1,900 hu ħallas l-ammonti li hemm indikati fid-dokument a fol. 14 mentri l-attur u martu jgħidu li dawn l-ammonti flimkien jirrappreżentaw l-Lm1,900 (Lm600 + Lm400 + Lm300 + Lm300 + Lm300). Dan hu kkonfermat mid-dokument a fol. 19 minn fejn jirriżulta li l-ammont ta' Lm1,900 kien il-bilanċ oriġinali u l-pagamenti l-oħra saru wara. Dak li qed jgħid il-konvenut ma jagħmilx sens għax kieku saru l-pagamenti li qed jallega l-konvenut, l-ammont li hu ħallas kien ikun superjuri għall-ordni li għamel. Dana bla ma wieħed isemmi l-pagamenti l-oħra ta' Lm500, Lm230 u Lm170. Dawn l-aħħar tnejn issemmew mill-atturi u l-konvenut lanqas biss semmihom;

L-atturi spjegaw kif inhu dovut l-ammont mitlub u ppreżentaw prospett. Jiġi rrilevat però li l-attur talbu ammont

*inferjuri fiċ-ċitazzjoni - Lm1,420 minflok Lm1,440";*

Dan l-appell hu kjarament insostenibbli. Il-konvenut infatti jipproponi f'dan l-appell difiżi differenti li jmorru lil hinn mill-eċċezzjoni unika li hu ta biex jopponi t-talba attriċi - dik tal-pagament. Eċċezzjoni li kienet timponi fuqu l-obbligu tal-prova li hu kien issalda dak li l-attur *nomine* kien qed jirreklama mingħandu. Infatti, ma tirriżulta l-ebda eċċezzjoni la dwar ix-xogħol li kellu jiġi esegwit skond il-ftehim, la dwar il-kwalità ta' dak ix-xogħol, la dwar il-prezzijiet u lanqas dwar il-valur ta' l-appalt. Hu veru li meta xehed il-konvenut appellant ippretenda illi peress illi s-soċjetà attriċi ma esegwitx ix-xogħol skond kif kellu jsir hu daħal f'ħafna spejjeż żejda. Ippretenda ukoll meta xehed illi x-xogħol ma tlestiex fil-ħin. Dwar dan però l-konvenut la ta eċċezzjonijiet u wisq inqas għamel xi kontro-talba biex il-pretensjonijiet vagi tiegħu setgħu jiġu verifikati u kwantifikati. Il-Qorti allura għamlet sewwa li skartathom bħala diversiv għat-talba ġusta ta' l-attur *nomine*;

Din il-Qorti ukoll ma tistax ma taqbilx ma' *l-Ewwel Qorti* illi l-konvenut mhux biss ma ppruvax l-eċċezzjoni tiegħu ta' pagament imma kien addirittura inkonklussiv u konfużjonarju fil-prova li ġab f'dan ir-rigward u partikolarment fid-deposizzjoni tiegħu. Mhux biss, skond l-istess appellant, li kieku għamel il-pagament li qed jallega li għamel kien ikun ħallas ammont in eċċess għal dak miftiehem u għal dak reklamat mis-soċjetà attriċi (u dan anke jekk jiġu esklużi ammonti rilevanti li - kif ingħad fis-sentenza - ġew aċċettati mill-istess attur *nomine* bħala li ġew lilu mħallsa mill-appellant) imma ukoll għaliex l-appellant ma għamel l-ebda sforz li hu jipprova li hu ħallas l-ammonti pretiżi mill-attur *nomine*. Il-konvenut la kien kredibbli u lanqas attendibbli fix-xhieda tiegħu. Daqstant ieħor mill-banda l-oħra kien kredibbli u attendibbli l-attur meta ddepona dwar l-appalt minnu esegwit, il-valur tiegħu, id-diversi pagamenti li għamel il-konvenut u l-bilanċ li kien għadu lilu

dovut. Deposizzjoni li kienet ukoll ikkonfermata u kkorroborata *minn martu li kienet tgħinu jżomm il-kotba tan-negozju u l-accounts* tas-soċjetà;

Fir-rikors ta' l-appell tiegħu, l-appellant bl-ebda mod ma rnexxilu jiskossa l-konvinzjoni ta' l-Ewwel Qorti li fil-*konsiderazzjonijiet tagħha tista' tgħid sommarjament*, imma dan b'ġustifikazzjoni, skartat l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant u laqgħet it-talba attriċi. L-istess sejra bir-raġun tagħmel din il-Qorti;

Għal dawn il-motivi, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.